**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 8 ta' Jannar 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**

**El Sisy Elsayed Abdelsalam**

**Kump Nru 191/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **El Sisy Elsayed Abdelsalam** detentur ta' passaport Egizzjan numru 1277769, gie akkuzat talli f'Novembru 2010 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminjiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, u cioe' somma flus li l-valur jeccedi s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema flus kienu

fdati lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghek.

2. Talli fl-istess lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezisentza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Anthony Mckay u Rita Vassallo.

3. Kif ukoll inti **El Sisy Elsayed Abdelsalam** sirt recidiv  ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gejt ikkundannat b'sentenza mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-verbal tal-udjenza ta` llum stess fejn saret l-ammissjoni minn naha tal-imputat ghall-ewwel imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu, u l-insistenza tieghu fuq din l-ammissjoni anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Rat li, fl-udjenza ta` llum stess u wara din l-ammissjoni, l-ufficjal prosekutur iddikjarat li t-tieni imputazzjoni kienet inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel;

Semghet lill-imputat jaghmel sottomissjonijiet fl-interess tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha wara li tkun saret ammissjoni tali, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond id-dikjarazzjonijiet kif maghmulha fil-verbal ta` l-udjenza.

Ghal dak li jirrigwarda l-ahjar sanzjoni applikabbli f'din il-kawza, din il-Qorti qed tqis il-fattur importanti li Rita Vassallo irkuprat il-flus kollha minghand l-imputat, kif ukoll il-fatt li kemm Anthony Mac Kay u l-istess Rita Vassallo iddikjaraw li ma kellhomx aktar interess f'dawn il-proceduri – ilkoll fatti dawn li jirrizultaw mill-atti (ara *folios* 11 u 47).

**Konkluzjoni;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 28A, 31, 49, 50, 293, 294, 308, 309, 310 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, (a) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel, izda (b) issib u tiddikjara lil El Sisy Elsayed Abdelsalam, recidiv biss fit-termini ta` l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, hati ta` l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` tnax-il (12) xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.**

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dr Ian Farrugia LL.D
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur